MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 136/2008/1

**The Catering Centre Co. Ltd**

**vs**

**Ronald Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Settembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, tmien mija disgha u tmenin euro u tmenin euro centezmi (€3,889.80) ekwivalenti ghal (LM1,669.89) dovuti minnu lis-socjeta attrici bhala bilanc mill-prezz ta’ *catering*

*equipment* mibjugh u konsenjat lilu fuq ordni tieghu, liema ammont jirrizulta minn zewg *statements* datati sittax (16) ta' Jannar 2008 w esebiti bhala Dok. CC 1 u Dok. CC 2.

Minkejja li kemm il-darba wieghed li ser ihallas l-ammont mitlub, baqa' nadempjenti anke wara li gie nterpellat b'Ittra Ufficcjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata hmistax (15) ta' Novembru 2006, liema ittra giet minnu kkontestata (Dok. CC 3)

Bl-ispejjez gudizzjarji w extra gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz tal-Ittra Ufficcjali fuq imsemmija, kif ukoll bl-imghaxjiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta kkalkulati mid-data ta' kull fattura sal-effettiv pagament, kontra tieghu minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut kifipprezentata fl-atti fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur peress li l-postijiet imsemmija fir-rikors promotur, huma gestiti u proprjeta ta' socjetajiet u mhux tal-konvenut personalment w ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-azzjoni tas-socjeta attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont rikjest mis-socjeta attrici hu eccessiv.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi nhar id-disgha (9) ta’ Lulju 2008 xehed **David Theuma** ‘n rapprezentanza tas-socjeta attrici fil-kapacita tieghu ta’ Managing Director fejn spjega li s-socjeta tieghu tissupplixxi *catering equipment* kif ukoll tbiegh l-*parts* u s-*servicing* ta’ din l-istess merkanzija li jbieghu. Jghid li xi zmien ilu, kienu marru x’impjegati tal-konvenut ghandu u talbuh sabiex jirrangawlu xi merkanzija li kien xtarha minghandu peress li kellu l-makkinarju wieqaf. Spjega li dwar il-hlas il-konvenut kien ighidlu li jirrangaw kollox aktar tard. Jghid li bhala procedura, huma jahdmu fuq *cash basis* pero ghal din id-darba kien ghamel eccezzjoni u kien lest li jithallas wara. Jghid li jaf li l-konvenut ghandu diversi *outlets* izda n-negozju dejjem mal-konvenut sar.

Ikkonferma li huwa kien icempel lil konvenut u jitolbu l-hlas u dan dejjem kien ighidlu li kien lest ihallas. Jghid li kien anke cempillu u s-segretarja tal-konvenut, certa Bianca, kellha taghmel xi preparamenti biex jiltaqghu u dan sabiex l-konvenut jaffettwa l-pagament dovut minnu. Jghid li ‘n segwitu, meta kellu jsir il-*meeting*, kienet cemplitlu Bianca u qaltlu li l-*meeting* kellu jigi pospost. Finalment l-konvenut kien hareg ic-*cheque,* izda dan ma ssarrrafx u kien gie *returned to drawer*.

Huwa esebixxa kopja tal-*invoices* li huma pendenti li t-totalita taghhom tammonta ghal LM1,669.89 u cioe l-ammont imsemmi fl-avviz. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. ‘Z’.

Illi nhar it-tlettax (13) t’Ottubru 2008 rega xehed u esebixxa kopja tac-*cheque* li ma kienx issarraf u li suppost kien ikopri parti mill-bilanc dovut lilhom. Dan id-dokument huwa mmarkat bhala Dok. ‘DT’ .

Illi nhar l-erbatax (14) ta’ Lulju 2008 is-socjeta attrici pprezentat kopja tad-dokumenti u cioe Dok. CC 1 u Dok. CC 2 li huma *statement of accounts*, Dok. CC 3 li hu Ittra Ufficcjali datata hmistax (15) ta’ Novembru 2006, w id-Dok. CC 4 li hu n-nota responsiva tal-konvenut datata disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 2006.

Illi s-socjeta attrici pprezentat nota ohra u dan fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Novembru 2008 li permezz taghha pprezenta tlett *invoices* li gew immarkati bhala Dok. DT 1 sa DT3.

Illi nhar l-erbgha (4) ta’ Frar 2008 kien deher Dr. Richard Sladden li nforma l-Qorti li l-klijent tieghu, il-konvenut, kien tah struzzjonijiet sabiex jipprova jesplora l-possibilta ta’ transazzjoni.

Illi nhar is-sebgha (7) ta’ Lulju 2009 dehru d-difensuri tal-partijiet li nfurmaw il-Qorti li kienu waslu fi ftehim ta’ transazzjoni, ghalkemm hlas ma kienx sar.

Illi nhar id-disgha (9) ta’ Lulju 2009 deher Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta attrici w informa l-Qorti li l-konvenut ma kien ghamel ebda pagament u talab li din il-kawza ghalhekk tibqa ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi f’din il-kawza l-konvenut ma ressaq l-ebda provi ta’ xejn w ghamel diversi tentattivi sabiex itawwal il-proceduri odjerni, m’hemmx dubbju, bit-tama li jinghata zmien sabiex ihallas.

Is-socjeta attrici ressqet lil David Theuma Managing Director tas-socjeta attrici li kkonferma li l-konvenut baqa’ m’ghamel l-ebda pagament w ghalhekk l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu pendenti. Huwa esibixxa *statements* li jindikaw li l-ammont dovut, *cheque* fejn i-konvenut

kien ghamel xi *part payment*, ghalkemm dan ic-*cheque* ma kienx gie onorat.

Dawn huma l-unici provi li hemm f'din il-kawza u li ma gewx kontestati w ghalhekk, l-eccezzjonijiet tal-konvenut dwar il-mertu ma jistghux jigu milqugha.

Il-konvenut eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 minghajr ma specifika liema sub artikolu.

Jirrizulta mill-atti li l-merkanzija kienet giet mibghuta lill-konvenut f'April 2004. Illi f'Novembru 2006 is-socjeta attrici kienet pprezentat Ittra Ufficcjali lill-konvenut u dan kien gie notifikat fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Novembru 2006 u fir-risposta tieghu, ma kien semma l-ebda preskrizzjoni. Illi 'n segwitu, fit-tlettax (13) ta' Marzu 2008 s-socjeta attrici kienet ipprezentat rikors.

Illi l-artikolu 2148 tal-Kap 16 imsemmi mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu, jipprovdi li l-azzjonijiet imsemmija fis-sub incizi (a) sa (f) huma preskritta bl-gheluq il-perjodu ta' tmintax il-xahar.

Illi l-unika sub inciz li jista possibilment japplika ghal kaz in esami, huwa dak indikat bl-ittra (b) li jipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet ta' krediti ghall-prezz ta' merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut*."

Issa fil-kaz in esami, ma jirrizultax li l-merkanizja mibjugha lill-konvenut kienx bl-imnut w ghalhekk tali artikolu m'huwiex applikabbli.

Ghaldaqstant, l-Qorti tiddikjara li tilqa t-talba attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

> L-ispejjez ta’ din il-kawza u l-imghax skond il-ligi huma karigu tal-konvenut.”

L-ilmenti principali tal-konvenut fl-appell tieghu minn din is-sentenza huma fl-ordni segwenti:-

(1) Id-decizjoni arrekatlu pregudizzju gravi in kwantu nghatat bi vjolazzjoni tal-principju *audi alteram partem*;
(2) Huwa ma kienx il-legittimu kontradittur ghaliex ismu ma jissemma minn imkien fil-fatturi;
(3) Il-preskrizzjoni opposta a norma ta’ l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili kellha tigi sostenuta u akkolta;
(4) L-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ma giex provat skond il-ligi;

Bi preliminari ghall-ewwel motiv ta’ aggravju jigi osservat illi, kif jixhdu l-bosta decizjonijiet ta’ din il-Qorti kif presjeduta, minn dejjem inghata minnha l-attenzjoni li jisthoqqlu l-ilment ta’ l-allegata lezjoni ta’ smigh xieraq, tant li fejn sabet li dan kien hekk gustifikat, ipprovdiet ir-rimedju opportun. Sfortunatament ghall-appellanti, il-kaz tieghu ma jaqax f’din il-kategorija ta’ decizjonijiet u l-lanjanza tieghu mhix meritevoli ta’ akkoljiment;

Titwila anke superficjali lid-diversi verbali ta’ l-udjenzi quddiem l-ewwel Qorti turi, inekwivokabilment, in-non-kuranza ta’ l-appellanti fit-tharis u l-konsegwiment ta’ l-interessi tieghu fil-proceduri. Bizzejjed jigi osservat illi f’ghaxar udjenzi konsekuttivi bejn it-13 ta’ Ottubru, 2008 u s-16 ta’ Settembru 2009 (data tas-sentenza) il-konvenut ma kien prezenti qatt. Dan avolja sa minn dik l-ewwel data fuq imsemmija l-kawza kienet iddifferita ghall-provi tieghu. Il-verbali jixhdu wkoll illi f’dak l-intervall ta’ zmien intalbu differimenti jew ghax ir-rapprezentanti legali precedenti li kellu kien impenjat fil-Qorti ta’ Ghawdex (27 ta’ Jannar, 2009) jew ghax imsiefer (10 ta’ Gunju, 2009) jew ukoll biex jirregola ruhu (11 ta’ Marzu, 2009). Taht dan il-profil hi pjuttost sfaccjata r-rikjesta ta’ l-appellanti illi

din il-Qorti ghandha tkun indulgenti mieghu u takkordalu r-re-integrazzjoni fil-procediment biex iressaq il-provi tieghu. Din il-Qorti wkoll f'decizjonijiet taghha avvertiet illi l-parti sokkombenti ma kellhiex tistenna l-indulgenza taghha ghall-inkurja tal-parti fil-kors tal-proceduri. Ara "**Aplan Limited -vs- Etienne Formosa**", 15 ta' Novembru, 2006. *Multo magis*, imbaghad, meta ghalkemm l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza "in difett ta' ostakolu" (ara verbal tad-9 ta' Lulju, 2009), l-appellanti ghal darb'ohra naqas milli jattiva ruhu biex permezz ta' rikors iressaq xi raguni plawsibbli konvincenti biex dik il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Ugwalment, ma jkunx inopportun li jinghad, b'ripetizzjoni, illi "il-principju ta' l-*audi alteram partem* ma jimportax illi f'gudizzju huwa imprexxindilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata d-debita <u>opportunita</u> li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smigh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament" ("**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar, 1975). In konsegwenza ghal dan kollu li nghad, l-ewwel aggravju qed jigi skartat;

B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju jinzel mid-deposizzjoni ta' David Theuma, rapprezentanti tal-kumpanija attrici, illi l-ordnijiet gew pjazzati mal-kumpanija mill-konvenut personalment. *Expressis verbis*, dan ix-xhud jghid illi l-konvenut "qatt ma qalli biex naghmillu invoice f'isem xi kumpanija" u li meta kien jistaqsih ghall-hlas "qatt ma qalli li l-flus ma kienux dovuti minnu jew li kellha thallas xi kumpanija tieghu" (fol. 11 tal-process). Veru li l-invoices huma intestati "Crown Hotel" jew "O'Connors" izda imbaghad minn ebda wahda minnhom ma jirrizulta li l-oggetti gew ikkonsenjati jew accettati minn xi socjeta` kif hekk jallega l-appellanti. "Certament ma

kienx bizzejjed illi l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cioe l-ezistenza tas-socjeta` *qua* gestitrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terzi fosthom lill-appellanti”. Ara d-decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri *et***”, Appell Superjuri, 25 ta’ Mejju, 2001 li minnha din is-silta li mehuda u li, incidentalment ukoll, il-fattezzi taghha ghandhom xebh qawwi ma’ l-istanza prezenti. Ukoll dan it-tieni aggravju, ghall-konsiderazzjoni maghmla qed jigi respint;

Fil-kaz tat-tielet motiv ta’ aggravju l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi din. Meta l-ewwel Qorti kkonstatat illi l-appellanti ma specifikax taht liema subinciz ta’ l-Artkolu 2148 tal-Kapitolu 16 kien qed jannovera l-preskrizzjoni minnu eccepita, dik il-Qorti messha waqqfet hemm u mhux toqghod hi stess tirricerka s-subinciz li, skond hi, seta’ kien applikabbli ghall-fattispeci. Ara b’applikazzjoni ghal dak appena dedott id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, tal-21 ta’ Marzu, 1977 in re: “**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***”;

Ukoll kieku stess din il-Qorti kellha tikkonsidra dik il-preskrizzjoni din il-Qorti ma tistax ma tinnotax bhala t-tieni osservazzjoni illi mentri f’dan l-istadju, qed jigi indikat lilha f’wiehed mill-paragrafi tar-rikors ta’ appell bhala “l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz odjern” s-subinciz (a) ta’ l-imsemmi Artikolu 2148, l-appellanti jispicca biex jikkonkludi, fil-paragrafu immedjatament sussegwenti, illi l-azzjoni hi preskritta sija taht is-subinciz (a) jew is-subinciz (b) tieghu. Fir-rigward hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-ebda wiehed minn dawn is-subincizi ma jinkwadra ruhu di fronte ghall-azzjoni esperita;

In mertu ghal din l-ahhar deduzzjoni l-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) Is-subinciz (a) dikjaratament jikkontempla attivita` ta’ produzzjoni ta’ beni fejn hi prevalenti l-hidma

personali jew professjonali ta’ l-artiggjani specifici fiha singolati u dawk l-artefici l-ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika. Ara s-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Colour Chart Company Limited -vs- Harbour Management Limited**”, 22 ta’ Marzu, 2006. Is-socjeta` attrici appellata mhix wahda minn fost dawn l-arteggjani jew artefici. Almenu, il-kontra ma giex provat;

(2) Fil-prospettazzjoni tas-subinciz (b) jigi, qabel xejn, osservat illi l-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni li kkuntrattaw u thares biss lejn il-vendita partikolari in kwestjoni *per se*. Ara “**Alfred Delia *nomine* -vs- Nobbli John Testaferrata Abela**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 25 ta’ April, 1964, u l-bosta sentenzi f’din elenkati. F’dan il-kaz il-bejgh kien jitratta minn konsenja ta’ *catering equipment* intiz ghal-lukanda tal-konvenut. Mill-istess kontenut ta’ l-invoices hu, fil-hsieb tal-Qorti, evidenti illi l-generu u l-kwantita ta’ l-oggetti venduti mis-socjeta` attrici kienu jikkwalifikaw in-negozju bhala wiehed ta’ bejgh bl-ingrossa u mhux bl-imnut, kif hekk jiddisponi s-subinciz (b). Din l-espressjoni ta’ fehma waslet ghaliha wkoll il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza gja citata in re: “**Grech -vs- Spiteri**” (25 ta’ Mejju, 2001). B’zieda jrid jinghad, imbaghad, illi kif jinsab deciz fil-kawza fl-ismijiet “**Adrian Strickland *nomine* -vs- Anthony Sammut**”, Appell Kummercjali, 3 ta’ Gunju, 1975, “in-natura ta’ bejgh bl-ingrossa ma tikkonvertix ruhha f’bejgh bl-imnut minhabba l-fatt illi l-konsenja ta’ l-oggetti ma ssirx f’daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema katergorija ghandu jigi klassifikat il-bejgh”;

Ukoll ghal ragunijiet hawn fuq premessi t-tielet aggravju qed jitqies infondat;

Ir-raba’ u l-ahhar aggravju ma jimmeritax wisq approfondiment. Ghall-kuntrarju ta’ l-assunt ta’ l-appellanti f’dan l-ilment, is-socjeta` attrici pprovat b’mod sodisfacenti r-reklam taghha ghall-hlas tal-bilanc. Dan sija bil-produzzjoni tal-prova testimonjali (ara xhieda ta’ David Theuma a fol. 11), sija bl-esebizzjoni tal-fatturi a fol. 35 u 36 konfermanti l-konsenji lil Crown Hotel u lil

O'Connors Irish Pub, u li aritmetikament jaghtu l-figura komplessiva mitluba ta' Lm1669.89 ossija €3889.80. L-aggravju hu, fic-cirkostanzi, assolutament insostenibbli.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew ukoll mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------